# . Intom ix-Xhieda Tiegħi

6/8

**D                                                     A**
***Intom ix-xhieda tiegħi, jekk mal-poplu tistqarru min jien.***
**A                                                  D**
***Intom ix-xhieda tiegħi, jien li nagħti il-veru ħelsien.***
**D                                                    G**
***Intom ix-xhieda tiegħi, li nibgħatkom ilkoll kullimkien.***
**G                  D                   A                   D  D7**
***Ixhdu għalija bla ebda mistħija, li għadni is-Sid tal-ħolqien.***
**G                      D**
***Agħtu dix-xhieda lil ħutkom mixtieqa,***
**    A                      D**
***li jagħrfu fis-sewwa min jien.***

** D**
Nibgħatkom ġejt, igħid il-Mulej,
**                               A**
bħal nagħaġ qalb miljuni ta' lpup.
** A**
Morru għidulhom li min jaċċettani,
**                          D**
minn lupu jien nagħmlu ħaruf.  ***Rit.***

Nibgħatkom ġejt, għand min jien fdejt,
għal min demmi kollu xerridt.
Morru għidulhom li mxennaq għalihom,
ngħannaqhom minn dejjem jien ridt.  ***Rit.***

Nibgħatkom ġejt, għax qatt ma nsejt,
lil ħafna li telqu 'il bogħod.
Morru għidulhom li lest li nilqagħhom,
u nerġa' inqiegħdhom fis-sod.  ***Rit.***

Nibgħatkom ġejt, Jien hu l-Feddej,
nibgħatkom fost ħafna eluf.
Morru għidulhom kif lilhom salvajthom,
għax ġejt biex insib il-mitluf.  ***Rit.***

Nibgħatkom ġejt, għax irrid ngħid,
minn fommok li nħobbhom tassew.
Morru għidulhom bil-ħajja fissrulhom,
li jiena irbaħt anki l-mewt.  ***Rit.***